**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1236/2005

## tas-27 ta' Ġunju 2005

## dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra

(ĠU L 239M, 10.9.2010, p. 299)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Commission Regulation (EC) No 1377/2006 of 18 September 2006 (*) | L 255 | 3 | 19.9.2006 |
| ►M2 | Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006 | L 352M | 629 | 31.12.2008 |
| ►M3 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 675/2008 tas-16 ta' Lulju 2008 | L 189 | 14 | 17.7.2008 |
| ►M4 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1226/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 | L 336 | 13 | 21.12.2010 |
| ►M5 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1352/2011 tal-20 ta' Diċembru 2011 | L 338 | 31 | 21.12.2011 |
| ►M6 | Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 | L 158 | 1 | 10.6.2013 |
| ►M7 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 585/2013 tal-20 ta' Ġunju 2013 | L 169 | 46 | 21.6.2013 |
| ►M8 | Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2014 | L 18 | 1 | 21.1.2014 |
| ►M9 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 775/2014 tas-16 ta' Lulju 2014 | L 210 | 1 | 17.7.2014 |
| ►M10 | Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1113 tas-6 ta' Mejju 2015 | L 182 | 10 | 10.7.2015 |

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▼B

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1236/2005**

**tas-27 ta' Ġunju 2005**

**dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huwa wieħed mill-prinċipji komuni tal-Istati Membri. Bil-ħsieb ta' dan, il-Komunità ddeċidiet, fl-1995, li tagħmel ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali element essenzjali tar-relazzjonijiet tagħha mal-pajjiżi terzi. Għal dak l-għan kien deċiż li tiġi inserita klawsola fi kwalunkwe ftehim ġdid kummerċjali, ta' kooperazzjoni u assoċjazzjoni ta' natura ġenerali li hija tikkonkludi ma'pajjiżi terzi.

(2) L-Artikolu 5 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 7 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kollha jistabbilixxu projbizzjoni komprensiva u mingħajr kondizzjonijiet tat-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra. Dispożizzjonijiet oħrajn, partikolarment id-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Tortura ([1]) u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra tal-1984, jobbligaw lill-Istati sabiex jipprevjenu t-tortura.

(3) L-Artikolu 2(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([2]) jiddikjara li ħadd ma għandu jiġi kkundannat għall-piena kapitali, jew maqtul. Fid-29 ta' Ġunju 1998, il-Kunsill approva l-"Linji Gwida dwar il-Politika tal-UE lejn Pajjiżi Terzi dwar il-Piena Kapitali" u ddeċieda li l-Unjoni Ewropea għandha taħdem għall-abolizzjoni universali tal-piena kapitali.

([1]) Riżoluzzjoni 3452 (XXX) tad-9.12.1975 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

([2]) ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.

▼B

(4) Skont l-Artikolu 4 tal-Karta msemmija, l-ebda persuna ma għandha tkun soġġetta għal tortura jew għal trattament jew pieni inumani jew degradanti. Fid-9 ta' April 2001, il-Kunsill approva l-"Linji gwida għall-Politika tal-UE lejn Pajjiżi Terzi dwar it-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra". Dawn il-linji gwida jirreferu kemm għall-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjonijiet ta' Armi fl-1998 u l-ħidma li għaddejja biex jiġu introdotti kontrolli madwar l-UE dwar l-esportazzjonijiet ta' tagħmir paramilitari bħala eżempji ta' miżuri għal ħidma effettiva għall-prevenzjoni tat-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Dawn il-linji gwida jipprevedu wkoll li l-pajjiżi terzi jkunu mħeġġa jipprevjenu l-użu u l-produzzjoni ta' tagħmir li huwa intiż sabiex bih tingħata tortura jew trattament jew pieni krudili, inumana jew degradanti oħra u l-kummerċ tiegħu, u li jipprevjenu l-abbuż ta' kwalunkwe tagħmir ieħor għal dawn l-għanijiet. Huma jippreċiżaw ukoll li l-projbizzjoni tal-pieni krudili, inumani jew degradanti timponi limiti ċari dwar l-użu tal-piena kapitali. Għaldaqstant, u f'konformità ma' dawn it-testi, il-piena kapitali taħt l-ebda ċirkostanza m'għandha titqies bħala piena legali.

(5) Fir-Riżoluzzjoni tagħha dwar it-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, adottata fil-25 ta' April 2001 u appoġġata mill-Istati Membri tal-UE, il-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem appellat lill-Membri tan-Nazzjonijiet Uniti biex jieħdu l-passi meħtieġa, inklużi miżuri leġislattivi, biex jipprevjenu u jipprojbixxu, *inter alia*, l-esportazzjoni ta' tagħmir li huwa mfassal speċifikament biex jikkawża tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra. Dan il-punt kien ikkonfermat mir-Riżoluzzjonijiet adottati fis-16 ta' April 2002, it-23 ta' April 2003, id-19 ta' April 2004 u d-19 ta' April 2005.

(6) Fit-3 ta' Ottubru 2001 il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni [1] dwar it-tieni Rapport Annwali tal-Kunsill skont id-Dispożizzjoni Operattiva 8 tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Unjoni Ewropea dwar l-Esportazzjoni ta' Armi, fejn ħeġġeġ lill-Kummissjoni taġixxi rapidament biex tippreżenta strument Komunitarju adatt li jabolixxi l-promozzjoni, il-kummerċ u l-esportazzjoni ta' tagħmir tal-pulizija u ta' sigurtà li l-użu tiegħu huwa fih innifsu krudili, inuman jew degradanti, u biex tiżgura li dak l-istrument Komunitarju jissospendi t-trasferiment ta' tagħmir tal-pulizija u ta' sigurtà li jkollu effetti mediċi mhux kompletament magħrufa, u ta' tali tagħmir li l-użu tiegħu fil-prattika jkun wera riskju sostanzjali ta' abbuż jew korriment inġustifikat.

(1) ĠU C 87 E, 11.4.2002, p. 136.

▼B

(7) Għaldaqstant huwa adatt li jiġu stabbiliti regoli Komunitarji dwar il-kummerċ ma' pajjiżi terzi f'oġġetti li jistgħu jintużaw għall-fini tal-piena kapitali u f'oġġetti li jistgħu jintużaw għall-fini ta' tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra. Dawn ir-regoli huma strumentali fil-promozzjoni tar-rispett għall-ħajja tal-bniedem u għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u għalhekk iservu l-għan tal-protezzjoni tal-morali pubblika. Tali regoli għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi tal-Komunità ma jiksbux benefiċċji mill-kummerċ li jew jippromovi jew b'xi mod jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' linji ta' politika dwar il-piena kapitali jew dwar tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, li ma jkunux kompatibbli mal-Linji Gwida relevanti tal-UE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-konvenzjonijiet u t-trattati internazzjonali.

(8) Għall-fini ta' dan ir-Regolament, huwa meqjus bħala adatt li jiġu applikati d-definizzjonijiet tat-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra tal-1984 u fir-Riżoluzzjoni 3452 (XXX) tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti. Dawn id-definizzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'kont meħud tal-każistika dwar l-interpretazzjoni tat-termini korrispondenti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u fit-testi rilevanti adottati mill-UE jew l-Istati Membri tagħha.

(9) Huwa meqjus meħtieġ li jiġu pprojbiti l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' tagħmir li m'għandu l-ebda użu prattiku ħlief għall-fini ta' piena kapitali jew għall-fini ta' tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

(10) Huwa wkoll meħtieġ li jiġu imposti kontrolli fuq l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw mhux biss għall-fini ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, iżda wkoll għal finijiet leġittimi. Dawn il-kontrolli għandhom japplikaw għal oġġetti li huma primarjament użati għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u, dment li dawn il-kontrolli ma jirriżultawx li huma sproporzjonati, għal kwalunkwe tagħmir jew prodott ieħor li jista' jiġi abbużat għall-fini ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, b'kont meħud tad-disinn u l-fatturi tekniċi tiegħu.

(11) Fir-rigward tat-tagħmir tal-infurzar tal-liġi, għandu jiġi nnutat li l-Artikolu 3 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi ([1]) jipprevedi li l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jistgħu jużaw il-forza biss meta jkun strettament meħtieġ u safejn meħtieġ għat-twettiq ta' dmirhom. Il-Prinċipji Bażiċi dwar l-Użu tal-Forza u ta' Armi tan-Nar mill-Uffiċjali tal-Infurzar tal-Liġi, adottati mit-Tmien Kungress tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni tal-Kriminalità u t-Trattament tat-Trasgressuri fl-1990, sakemm, waqt li jwettqu dmirhom, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi għandhom, kemm jista' jkun, japplikaw mezzi mhux vjolenti qabel jirrikorru għall-użu tal-forza u armi tan-nar.

---

([1]) Riżoluzzjoni 34/169 tas-17.12.1979 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

▼B

(12) F'dan ir-rigward, il-Prinċipji Bażiċi jappoġġaw l-iżvilupp ta' armi inkapaċitanti mhux letali għall-użu f'sitwazzjonijiet adatti, filwaqt li jammettu li l-użu ta' tali armi għandu jiġi kkontrollat bir-reqqa. F'dan il-kuntest, ċertu tagħmir tradizzjonalment użat mill-pulizija għall-awtodifiżau biex jikkontrollaw l-irvellijiet ġie mmodifikat b'tali mod li jista' jintuża biex jiġu applikati xokkijiet elettriċi u sustanzi kimiċi biex irendu lill-persuni inkapaċi. Hemm indikazzjonijiet li, f'diversi pajjiżi, tali armi huma abbużati għall-fini ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

(13) Il-Prinċipji Bażiċi jisħqu li l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir għall-awtodifiża. Għalhekk, dan ir-Regolament m'għandux japplika għall-kummerċ ta' tagħmir tradizzjonali għall-awtodifiża, bħal tarki.

(14) Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-kummerċ ta' xi sustanzi kimiċi speċifiċi użati biex irendu lill-persuni inkapaċi.

(15) Fir-rigward tal-manetti tas-saqajn, il-ktajjen għall-grupp ta' priġunieri u l-manetti, għandu jiġu nnotat li l-Artikolu 33 tar-Regoli Standard Minimi tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Trattament tal-Priġunieri ([1]) jipprevedi li l-istrumenti ta' trażżin m'għandhom qatt jiġu applikati bħala piena. Barra minn hekk, ktajjen u manetti m'għandhom qatt jintużaw bħala trażżin. Għandu wkoll jiġi nnotat li r-Regoli Standard Minimi tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Trattament tal-Priġunieri jipprevedu li strumenti oħra ta' trażżin m'għandhomx jintużaw ħlief bħala prekawzjoni kontra l-ħarba waqt trasferiment, għal raġunijiet mediċi kif ordnat minn uffiċjal mediku, jew, jekk metodi oħra ta' kontroll ma jirnexxux, sabiex jiġi evitat li priġunier iweġġa' lilu nnifsu jew lill-oħrajn, jew li jagħmel ħsara lil proprjetà.

(16) B'kont meħud tal-fatt li xi Stati Membri diġà pprojbixxew l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' tali oġġetti, huwa adatt li l-Istati Membri jingħataw id-dritt li jipprojbixxu l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' manetti tas-saqajn, ktajjen għall-grupp ta' priġunieri u tagħmir tax-xokk elettriku li jista' jinġarr minbarra ċ-ċinturini tax-xokk elettriku. L-Istati Membri għandhom ukoll jingħataw is-setgħa li japplikaw kontrolli tal-esportazzjoni fuq manetti li għandhom dimensjoni ġenerali, inklużi l-ktajjen, li jeċċedu l-240 mm meta jinqaflu, jekk jixtiequ hekk.

(17) Dan ir-Regolament għandu jiġi interpretat bħala wieħed li ma jaffettwax ir-regoli eżistenti dwar l-esportazzjoni ta' gassijiet tad-dmugħ u aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet ([2]), ta' armi tannar, ta' armi kimiċi u ta' kimiċi tossiċi.

([1]) Approvat bir-Riżoluzzjonijiet 663 C (XXIV) tal-31.7.1957 u 2076 (LXII) tat-13.5.1977 tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti.

([2]) Ara l-punt ML 7(c) tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 127, 25.5.2005, p. 1.

▼B

(18) Huwa adatt li jiġu previsti eżenzjonijiet speċifiċi mill-kontrolli tal-esportazzjoni sabiex ma jiġux impediti l-funzjonamet tal-forzi tal-pulizija tal-Istati Membri u t-twettiq taż-żamma tal-paċi jew l-operati tal-maniġġar tal-kriżijiet u, soġġett għal reviżjoni fi stadju aktar tard, sabiex jiġi permess it-transitu ta' oġġetti barranin.

(19) Il-Linji Gwida għall-Politika tal-UE lejn Pajjiżi Terzi dwar Tortura, Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra jipprevedu, fost l-oħrajn, li l-Kapijiet tal-Missjoni f'pajjiżi terzi, fir-rapporti perjodiċi tagħhom ser jinkludu analiżi tal-okkorrenza ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra fl-Istat ta' akkreditazzjoni tagħhom, u l-miżuri meħudin għall-ġlieda kontriha. Huwa adatt li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu kont ta' dawn ir-rapporti u oħrajn simili li jsiru minn organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili rilevanti meta jiddeċiedu dwar talbiet għall-awtorizzazzjonijiet. Tali rapporti għandhom jiddeskrivu wkoll kwalunkwe tagħmir użat f'pajjiżi terzi għall-fini tal-piena kapitali jew ta' tortura, trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

(20) Sabiex jingħata kontribut għat-tneħħija tal-piena tal-mewt fil-pajjiżi terzi u għall-prevenzjoni ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, huwa meqjus meħtieġ li tiġi pprojbita l-provvista lil pajjiżi terzi ta' assistenza teknika relatata ma' oġġetti li m'għandhom l-ebda użu prattiku ħlief għall-fini tal-piena kapitali jew ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

(21) Il-miżuri ta' dan ir-Regolament huma maħsubin biex jipprevjenu kemm il-piena kapitali kif ukoll it-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra f'pajjiżi terzi. Huma jinkludu restrizzjonijiet fuq il-kummerċ ma' pajjiżi terzi f'oġġetti li jistgħu jintużaw għall-fini tal-piena kapitali jew għall-fini ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra. M'huwiex meqjus meħtieġ li jiġu stabbiliti kontrolli simili fuq transazzjonijiet fil-Komunità, billi fl-Istati Membri l-piena kapitali ma' teżistix u l-Istati Membri ser ikunu adottaw miżuri adatti biex jiddikjaraw illegali u jipprevjenu t-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

(22) Il-Linji gwida msemmijin hawn fuq jiddikjaraw li, sabiex jintlaħaq l-objettiv li jittieħdu miżuri effettivi kontra t-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, għandhom jittieħdu miżuri biex jiġu evitati l-użu, il-produzzjoni u l-kummerċ ta' tagħmir li huwa intiż biex jikkawża tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra. Huma l-Istati Membri li għandhom il-kompetenza li jimponu u jinfurzaw ir-restrizzjonijiet meħtieġa fuq l-użu u l-produzzjoni ta' tali tagħmir.

▼B

(23) Sabiex jittieħed kont ta' data u żviluppi teknoloġiċi ġodda, il-listi tal-oġġetti koperti minn dan ir-Regolament għandhom jinżammu taħt reviżjoni u għandha tkun prevista proċedura speċifika biex dawn il-listi jiġu emendati.

(24) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin dwar il-miżuri meħudin skont dan ir-Regolament u dwar informazzjoni rilevanti oħra li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom dwar dan ir-Regolament.

(25) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]).

(26) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli fi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jassiguraw li jkunu implimentati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(27) Xejn f'dan ir-Regolament ma jikkostrinġi l-ebda setgħa taħt u skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]) u d-dispożizzjonijiet implimentattivi tiegħu, kif imniżżel fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([3]).

(28) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti partikolarment mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## *Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet*

### *Artikolu 1*

### **Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli Komunitarji li jirregolaw il-kummerċ ma' pajjiżi terzi f'oġġetti li jistgħu jintużaw għall-fini tal-piena kapitali jew għall-fini ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, u f'assistenza teknika relatata.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-provvista ta' assistenza teknika relatata jekk dik il-provvista tinvolvi l-moviment transkonfinali ta' persuni fiżiċi.

---

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

([3]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 883/2005 (ĠU L 148, 11.6.2005, p. 5).

▼B

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament:

(a) “tortura” tfisser kwalunkwe att li bih l-uġigħ jew it-tbatija severi, fiżiċi jew mentali, jiġu kkawżati intenzjonalment fuq persuna għal tali finijiet bħall-ksib ta' informazzjoni jew konfessjoni min dik il-persuna jew minn terza persuna, l-ikkastigar ta' dik il-persuna għal att li jew dik il-persuna jew terza persuna tkun wettqet jew tkun issuspettata li wettqet, jew biex tbeżża' jew iġġiegħel lil dik il-persuna jew lil terza persuna, jew għal kwalunkwe raġuni bbażata fuq id-diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip, meta tali uġigħ jew tbatija jiġu kkawżati bl-instigazzjoni jew bil-kunsens ta' uffiċjal pubbliku jew persuna oħra li taġixxi f'kapaċità uffiċjali. Madankollu, din ma tinkludix uġigħ jew tbatija li jirriżultaw biss minn penali leġittimi jew li huma inerenti fihom jew inċidentali għalihom;

(b) “trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra” tfisser kwalunkwe att li bih uġigħ jew tbatija sinifikanti, fiżiċi jew mentali, jiġu kkawżati fuq persuna, meta tali uġigħ jew tbatija jiġu kkawżati bl-instigazzjoni jew bil-kunsens jew qbil ta' uffiċjal pubbliku jew persuna oħra li taġixxi f'kapaċità uffiċjali. Madankollu, din ma tinkludix uġigħ jew tbatija li jirriżultaw biss minn penali leġittimi jew li huma inerenti fihom jew inċidentali għalihom;

(c) “awtorità tal-infurzar tal-liġi” tfisser kwalunkwe awtorità f'pajjiż terz responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif, l-investigazzjoni, il-ġlieda kontra u l-ikkastigar ta' reati kriminali, inkluż, iżda mhux limitat għall-pulizija, kwalunkwe prosekutur, kwalunkwe awtorità ġudizzjarja, kwalunkwe awtorità ta' ħabs pubbliku jew privat u, fejn adatt, kwalunkwe waħda mill-forzi tas-sigurtà tal-istat u l-awtoritajiet militari;

(d) “esportazzjoni” tfisser kwalunkwe ħruġ ta' oġġetti mit-territorju doganali tal-Komunità, inkluż il-ħruġ ta' oġġetti li jeħtieġ dikjarazzjoni doganali u l-ħruġ ta' oġġetti wara l-ħżin tagħhom f'żona ħielsa taħt kontroll ta' tip I jew maħżen ħieles fit-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92;

(e) “importazzjoni” tfisser kwalunkwe dħul ta' oġġetti fit-territorju doganali tal-Komunità, inkluż il-ħżin temporanju tagħhom, it-tqegħid f'żona ħielsa jew maħżen ħieles, it-tqegħid taħt proċedura sospensiva u r-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa fit-tifsira tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92;

(f) “assistenza teknika” tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat mat-tiswija, l-iżvilupp, il-manifattura, it-testjar, il-manutenzjoni, l-armar jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u tista' tieħu forom bħal istruzzjoni, pariri, taħriġ, trasmissjoni ta' għarfien dwar it-tħaddim jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza. L-assistenza teknika tinkludi forom verbali ta' assistenza u assistenza pprovduta b'mezzi elettroniċi;

(g) “mużew” tfisser istituzzjoni permanenti mingħajr qligħ fis-servizz tas-soċjetà u tal-iżvilupp tagħha, u miftuħa għall-pubbliku, li tikseb, tikkonserva, tirriċerka, tikkomunika u tesebixxi, għall-finijiet tal-istudju, l-edukazzjoni u d-divertiment, evidenza materjali tan-nies u l-ambjent tagħhom;

▼B

(h) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità ta' wieħed mill-Istati Membri, kif elenkata fl-Anness I, li f'konformità mal-Artikolu 8(1) hija intitolata tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni;

(i) "applikant" tfisser

(1) fil-każ tal-esportazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3 jew 5, kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li għandha kuntratt ma' destinatarju f'pajjiż li lejh jiġu esportati l-oġġetti u li għandu s-setgħa li jiddetermina l-kunsinna ta' oġġetti kkontrollati permezz ta' dan ir-Regolament barra t-territorju doganali tal-Komunità fiż-żmien meta d-dikjarazzjoni doganali tiġi aċċettata. Jekk l-ebda kuntratt tal-esportazzjoni ma jkun ġie konkluż jew jekk id-detentur tal-kuntratt ma jaġġixxix għan-nom tiegħu, is-setgħa għad-determinazzjoni tal-kunsinna tal-oġġett barra t-territorju doganali tal-Komunità għandu jkun deċiżiv;

(2) fejn, fil-każ ta' tali esportazzjonijiet, il-benefiċċju ta' dritt li jiddisponi mill-oġġetti jappartjeni lil persuna stabbilita barra l-Komunità skont il-kuntratt li fuqu jkunu bbażati l-esportazzjonijiet, il-parti kontraenti stabbilita fil-Komunità;

(3) fil-każ ta' provvisti ta' assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 3, il-persuna fiżika jew ġuridika li ser tipprovdi s-servizz; u

(4) fil-każ ta' importazzjonijiet u provvisti ta' assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 4, il-mużew li ser juri l-oġġetti.

## KAPITOLU II

## *Oġġetti li m'għandhom l-ebda użu prattiku ħlief għall-fini tal-piena kapitali, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra*

*Artikolu 3*

### Projbizzjoni tal-esportazzjonijiet

1. Kwalunkwe esportazzjoni ta' oġġetti li m'għandhom l-ebda użu prattiku ħlief għall-fini tal- piena kapitali jew għall-fini ta' tortura u trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti oħra, elenkati fl-Anness II, għandha tiġi pprojbita, irrispettivament mill-oriġini ta' tali tagħmir.

Il-provvista ta' assistenza teknika relatata mal-oġġetti elenkati fl-Anness II, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le, mit-territorju doganali tal-Komunità, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp f'pajjiż terz għandha tiġi pprojbita.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness II, u l-provvista tal-assistenza teknika relatata, jekk jintwera li, fil-pajjiż li lejh ser jiġu esportati l-oġġetti, tali oġġetti ser jintużaw għall-fini eskluživ ta' wirja pubblika f'mużew fid-dawl tas-sinifikat storiku tagħhom.

▼B

*Artikolu 4*

**Projbizzjoni tal-importazzjoni**

1. Kwalunkwe importazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness II għandha tiġi pprojbita, irrispettivament mill-oriġini ta' tali oġġetti.

L-aċċettazzjoni minn persuna, entità jew korp fit-territorju doganali tal-Komunità tal-assistenza teknika relatata mal-oġġetti elenkati fl-Anness II, ipprovduta minn pajjiż terz, kemm jekk għal konsiderazzjoni kif ukoll jekk le, minn persuna, entità jew korp għandha tiġi pprojbita.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza importazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness II, u l-provvista tal-assistenza teknika relatata, jekk jintwera li, fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, tali oġġetti ser jintużaw għall-fini esklużiv ta' wirja pubblika f'mużew fid-dawl tas-sinifikat storiku tagħhom.

KAPITOLU III

***Oġġetti li jistgħu jintużaw għall-fini ta' tortura jew t-trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra***

*Artikolu 5*

**Rekwiżit tal-awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni**

1. Għal kwalunkwe esportazzjoni ta' oġġetti li jistgħu jintużaw għall-fini ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, elenkati fl-Anness III, tkun meħtieġa awtorizzazzjoni, irrispettivament mill-oriġini ta' tali oġġetti. Madankollu, l-ebda awtorizzazzjoni ma tkun meħtieġa għal oġġetti li jgħaddu biss mit-territorju doganali tal-Komunità, jiġifieri dawk li mhumiex assenjati trattament approvat mid-dwana jew użu ieħor barra mill-proċedura tat-transitu estern skont l-Artikolu 91 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, inkluż il-ħżin ta' oġġetti mhux Komunitarji f'żona ħielsa ta' kontroll ta' tip I jew maħżen ħieles.

2. Il-Paragrafu 1 m'għandux japplika għall-esportazzjonijiet lejn dawk it-territorji tal-Istati Membri li huma kemm elenkati fl-Anness IV u li mhumiex parti mit-territorju doganali tal-Komunità, dment li l-oġġetti huma użati minn awtorità responsabbli għall-infurzar tal-liġi kemm fil-pajjiż jew fit-territorju tad-destinazzjoni kif ukoll fil-parti metropolitana tal-Istat Membru li għalih jappartjeni dak it-territorju. Id-dwana jew l-awtoritajiet rilevanti oħra għandu jkollhom id-dritt li jivverifikaw jekk din il-kondizzjoni hijiex sodisfatta u jistgħu jiddeċiedu li, sakemm issir tali verifika, l-esportazzjoni m'għandiex isseħħ.

3. Il-Paragrafu 1 m'għandux japplika għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi, dment li l-oġġetti jintużaw mill-persunal militari jew ċivili ta' Stat Membru, jekk tali persunal ikun qed jieħu sehem f'operazzjoni tal-UE jew tan-NU għaż-żamma tal-paċi jew tal-maniġġar tal-kriżijiet fil-pajjiż terz ikkonċernat jew f'operazzjoni bbażata fuq qbil bejn Stati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tad-difiża. Id-dwana jew awtoritajiet rilevanti oħra għandu jkollhom id-dritt li jivverifikaw jekk din il-kondizzjoni hijiex sodisfatta. Sakemm issir tali verifika, l-esportazzjoni m'għandiex isseħħ.

▼B

*Artikolu 6*

**Kriterji għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni**

1. Id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni tal-oġġetti elenkati fl-Anness III għandhom jittieħdu mill-awtorità kompetenti fuq bażi ta' każ b'każ, b'kont meħud tal-konsiderazzjonijiet rilevanti kollha, inkluż b'mod partikolari, jekk applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni essenzjalment identika ma tkunx intlaqgħet minn Stat Membru ieħor fit-tliet snin preċedenti.

2. L-awtorità kompetenti m'għandha tagħti l-ebda awtorizzazzjoni meta jkun hemm raġunijiet tajba biex wieħed jemmen li l-oġġetti elenkati fl-Anness III jistgħu jintużaw għat-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, inkluża l-piena korporali ġudizzjarja, minn awtorità tal-infurzar tal-liġi jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika f'pajjiż terz.

L-awtorità kompetenti għandha tieħu kont ta':

— sentenzi disponibbli tal-qorti internazzjonali,

— sejbiet mill-korpi kompetenti tan-NU, il-Kunsill tal-Ewropa u l-UE, u rapporti tal-Kumitat Ewropew tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti u tar-Relatur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

Jista' jittieħed kont ta' informazzjoni rilevanti oħra, inklużi sentenzi disponibbli tal-qorti nazzjonali, rapporti jew informazzjoni oħra mħejjija minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u informazzjoni dwar restrizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet tal-oġġetti elenkati fl-Annessi II u III applikati mill-pajjiż tad-destinazzjoni.

*Artikolu 7*

**Miżuri nazzjonali**

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 6, Stat Membru jista' jadotta jew iżomm projbizzjoni fuq l-esportazzjoni jew l-importazzjoni ta' manetti tas-saqajn, ktajjen għall-grupp ta' priġunieri u tagħmir tax-xokk elettriku li jista' jinġarr.

2. Stat Membru jista' jimponi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni fuq l-esportazzjoni ta' manetti li għandhom qies ġenerali inklużi l-ktajjen, imkejlin mix-xifer ta' barra ta' ħolqa sax-xifer ta' barra tal-ħolqa l-oħra, li jeċċedu l-240 mm meta jinqaflu. L-Istat Membru kkonċernat għandu japplika l-Kapitolu III u IV għal tali manetti.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe miżura adottata skont il-paragrafi 1 u 2. Il-miżuri eżistenti għandhom jiġu nnotifikati sat-30 ta’ Lulju 2006. Il-miżuri sussegwenti għandhom jiġu nnotifikati qabel jidħlu fis-seħħ.

▼B

KAPITOLU IV

***Proċeduri ta' awtorizzazzjoni***

*Artikolu 8*

**Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet**

1. Awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni u l-importazzjoni u għall-provvista ta' assistenza teknika għandha tingħata biss mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru elenkat fl-Anness I fejn l-applikant ikun stabbilit.

2. L-applikanti għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-attivitajiet li għalihom teħtieġ awtorizzazzjoni.

*Artikolu 9*

**Awtorizzazzjonijiet**

1. L-awtorizzazzjonijiet għall-esportazzjoni u l-importazzjoni għandhom jinħarġu fuq formola konsistenti mal-mudell stabbilit fl-Anness V u għandhom ikunu validi fil-Komunità kollha. Il-perijodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għandu jkun minn tlieta sa tnax-il xahar b'estensjoni possibbli sa tnax-il xahar.

2. L-awtorizzazzjoni tista' tinħareġ permezz ta' mezzi elettroniċi. Il-proċeduri speċifiċi għandhom jiġu stabbiliti fuq bażi nazzjonali. L-Istati Membri li jagħmlu użu minn din l-għażla għandhom jinformaw lill-Kummissjoni.

3. L-awtorizzazzjonijiet għall-esportazzjoni u l-importazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal kwalunkwe rekwiżiti u kondizzjonijiet li l-awtorità kompetenti tqis adatti.

4. L-awtoritajiet kompetenti, li jaġixxu skont dan ir-Regolament, jistgħu jirrifjutaw li jagħtu awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni u jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni li jkunu diġà taw.

*Artikolu 10*

**Formalitajiet doganali**

1. Meta jimla l-formalitajiet doganali, l-esportatur jew l-importatur għandu jibgħat il-formola mimlija kif dovut stabbilita fl-Anness V bħala prova li l-awtorizzazzjoni meħtieġa għall-esportazzjoni jew l-importazzjoni kkonċernata nkisbet. Jekk id-dokument ma jimteliex b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-formalitajiet doganali jkunu qed jimtlew, l-esportatur jew l-importatur jista' jintalab jipprovdi traduzzjoni f'dik il-lingwa uffiċjali.

2. Jekk issir dikjarazzjoni doganali dwar l-oġġetti elenkati fl-Anness II jew III, u jkun ikkonfermat li ma ngħatat l-ebda awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament għall-esportazzjoni jew l-importazzjoni intiża, l-awtoritajiet doganali għandhom iżommu l-oġġetti ddikjarati u jiġbdu l-attenzjoni għall-possibbiltà tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament. Jekk fi żmien sitt xhur minn wara li jinżammu l-oġġetti ma ssir l-ebda applikazzjoni, jew jekk l-awtorità kompetenti tirrifjuta tali applikazzjoni, l-awtoritajiet doganali għandhom jiddisponu mill-oġġetti miżmumin f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli.

▼B

*Artikolu 11*

**Rekwiżit għal notifika u konsultazzjoni**

1. L-awtoritajiet tal-Istati Membri, kif elenkati fl-Anness I, għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet l-oħra kollha tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, kif elenkati f'dak l-Anness, jekk huma jieħdu deċiżjoni li jirrifjutaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament u jekk jannullaw awtorizzazzjoni li jkunu taw. In-notifika għandha ssir mhux aktar tard minn tletin jum wara d-deċiżjoni.

2. L-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtorità jew l-awtoritajiet li, fit-tliet snin preċedenti, irrifjutaw applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' importazzjoni jew esportazzjoni jew il-provvista ta' assistenza teknika skont dan ir-Regolament, jekk tirċievi applikazzjoni dwar importazzjoni jew esportazzjoni jew il-provvista ta' assistenza teknika li tinvolvi transazzjoni essenzjalment identika msemmija f'tali applikazzjoni aktar bikrija u tqis li, madankollu, għandha tingħata awtorizzazzjoni.

3. Jekk, wara tali konsultazzjonijiet, l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tagħti awtorizzazzjoni, għandha tinforma immedjatament lill-awtoritajiet kollha elenkati fl-Anness I tad-deċiżjoni tagħha u tispjega r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha, waqt li tippreżenta informazzjoni ta' appoġġ kif adatt.

4. Ir-rifjut għall-għoti ta' awtorizzazzjoni, jekk ikun ibbażat fuq projbizzjoni nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 7(1), m'għandux jikkostitwixxi deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni fit-tifsira tal-paragrafu 1.

KAPITOLU V

***Dispożizzjonijiet ġenerali u finali***

▼M8

*Artikolu 12*

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 15a, biex temenda l-Annessi I, II, III, IV u V. Id-data fl-Anness I dwar l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandha tiġi emendata abbażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

▼B

*Artikolu 13*

**Skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, fuq talba, jinformaw lil xulxin dwar il-miżuri meħudin skont dan ir-Regolament u jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti għad-dispożizzjoni tagħhom b'rabta ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija u rrifjutati.

2. L-informazzjoni rilevanti dwar awtorizzazzjonijiet mogħtija u rrifjutati għandha tinkludi mill-inqas it-tip ta' deċiżjoni, ir-raġunijiet għad-deċiżjoni jew sommarju tagħha, l-ismijiet tad-destinatarji u, jekk ma jkunux l-istess, tal-utenti finali kif ukoll tal-oġġetti kkonċernati.

▼B

3. L-Istati Membri, jekk possibbli f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għandhom jagħmlu rapport pubbliku dwar l-attivitajiet annwali, li jipprovdi informazzjoni dwar in-numru ta' applikazzjonijiet riċevuti, dwar l-oġġetti u l-pajjiżi kkonċernati f'dawn l-applikazzjonijiet, u dwar id-deċiżjonijiet li jkunu ħadu dwar dawn l-applikazzjonijiet. Dan ir-rapport m'għandux jinkludi informazzjoni li l-iżvelar tagħha huwa meqjus minn Stat Membru li jmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu.

4. Ħlief għall-provvista tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lill-awtoritajiet tal-Istat Membru l-ieħor u lill-Kummissjoni, dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali applikabbli dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali.

5. Ir-rifjut għall-għoti ta' awtorizzazzjoni, jekk ikun ibbażat fuq projbizzjoni nazzjonali adottata f'konformità mal-Artikolu 7(1), m'għandux jikkostitwixxi awtorizzazzjoni rrifjutata fit-tifsira tal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 14*

**Użu tal-informazzjoni**

Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [1] u l-leġislazzjoni nazzjonali dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, l-informazzjoni riċevuta skont dan ir-Regolament għandha tintuża biss għall-fini li saret it-talba għaliha.

▼M8

__________

*Artikolu 15a*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta’ adozzjoni ta’ atti ddelegati tingħata lill-Kummissjoni bil-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 12 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta’ ħames snin minn. 20 ta’ Frar 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta’ setgħa mhux aktar tard minn disa’ xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta’ ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b’mod taċitu għal perijodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta’ kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att iddelegat li huwa diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

__________

[1] ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

▼M8

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 12 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika dwar dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jagħlaq dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

▼B

*Artikolu 17*

**Penali**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad- dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli sad-29 ta' Awwissu 2006 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffetwahom.

*Artikolu 18*

**Ambitu territorjali**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

— it-territorju doganali tal-Komunità, kif iddefinit fir-Regolament (KEE) Nru 2913/92;

— it-territorji Spanjoli Ceuta u Melilla;

— it-territorju Ġermaniż ta' Helgoland.

2. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, Ceuta, Helgoland u Melilla għandhom jiġu ttrattati bħala parti mit-territorju doganali tal-Komunità.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Lulju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M10

*L-ANNESS I*

**Lista tal-awtoritajiet msemmija fl-Artikoli 8 u 11, u l-indirizzi għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea**

A. **L-awtoritajiet tal-Istati Membri**

**IL-BELĠJU**

Federale Overheidsdienst Economie, K.M.O., Middenstand en Energie
Algemene Directie Economische Analyses en Internationale Economie
Dienst Vergunningen
Vooruitgangstraat 50
B-1210 Brussel
BELGIË

Service public fédéral économie, PME, classes moyennes et énergie
Direction générale des Analyses économiques et de l'Economie internationale
Service licences
Rue du Progrès 50
B-1210 Bruxelles
BELGIQUE

Tel. +32 22776713, +32 22775459
Faks: +32 22775063
Posta elettronika: frieda.coosemans@economie.fgov.be
johan.debontridder@economie.fgov.be

**IL-BULGARIJA**

Министерство на икономиката
ул."Славянска" № 8
1052 София/Sofia
БЪЛГАРИЯ/BULGARIA

Ministry of Economy
8, Slavyanska Str.
1052 Sofia
BULGARIA

Tel. +359 29407771
Faks: +359 29880727
Posta elettronika: exportcontrol@mi.government.bg

**IR-REPUBBLIKA ĊEKA**

Ministerstvo průmyslu a obchodu
Licenční správa
Na Františku 32
110 15 Praha 1
ČESKÁ REPUBLIKA

Tel. +420 224907638
Faks: +420 224214558
Posta elettronika: dual@mpo.cz

**ID-DANIMARKA**

*L-Anness III, Nru 2 u 3*

Justitsministeriet
Slotsholmsgade 10
DK-1216 København K
DANMARK

Tel. +45 72268400
Faks: +45 33933510
Posta elettronika: jm@jm.dk

▼M10

*L-Anness II u l-Anness III, Nru 1 u 4*

Erhvervs- og Vækstministeriet
Erhvervsstyrelsen
Eksportkontrol
Langelinie Allé 17
DK-2100 København Ø
DANMARK

Tel. +45 35291000
Faks: +45 35291001
Posta elettronika: eksportkontrol@erst.dk

**IL-ĠERMANJA**

Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (BAFA)
Frankfurter Straße 29—35
D-65760 Eschborn
DEUTSCHLAND

Tel. +49 6196 908 2217
Faks: +49 6196 908 1800
Posta elettronika: ausfuhrkontrolle@bafa.bund.de

**L-ESTONJA**

Strateegilise kauba komisjon
Islandi väljak 1
15049 Tallinn
EESTI/ESTONIA

Tel. +372 6377192
Faks: +372 6377199
Posta elettronika: stratkom@vm.ee

**L-IRLANDA**

Licensing Unit
Department of Jobs, Enterprise and Innovation
23 Kildare Street
Dublin 2
ÉIRE

Tel. +353 16312121
Faks: +353 16312562
Posta elektronika: exportcontrol@djei.ie

**IL-GREĊJA**

Υπουργείο Ανάπτυξης, ανταγωνιστικότητας, υποδομών, Μεταφορών και δικτύων
Γενική Διεύθυνση Διεθνούς Οικονομικής Πολιτικής
Διεύθυνση Καθεστώτων Εισαγωγών-Εξαγωγών, Εμπορικής Άμυνας
Ερμού & Κορνάρου 1,
GR-105 63 Αθήνα/Athens
ΕΛΛΑΔΑ/GREECE

Ministeru tal-Iżvilupp, il-Kompetittività, l-Infrastruttura, it-Trasport u n-Netwerks
General Directorate for International Economic Policy
Directorate of Import-Export Regimes, Trade Defence Instruments
Ermou and Kornarou 1,
GR-105 63 Athens
GREECE

Tel. +30 2103286021-22, +30 2103286051-47
Faks: +30 2103286094
Posta elettronika: e3a@mnec.gr, e3c@mnec.gr

▼M10

**SPANJA**

Subdirección General de Comercio Internacional de Material de Defensa y Doble Uso
Secretaría de Estado de Comercio
Ministerio de Economía y Competitividad
Paseo de la Castellana 162, planta 7
E-28046 Madrid
ESPAÑA

Tel.: +34 913492587
Faks: +34 913492470
E-mail: sgdefensa.sscc@comercio.mineco.es.

**FRANZA**

Ministère des finances et des comptes publics
Direction générale des douanes et droits indirects
Bureau E2
11 Rue des Deux Communes
F-93558 Montreuil Cedex
FRANCE

Tel.: +33 1 57 53 43 98
Faks: + 33 1 57 53 48 32
E-mail: dg-e2@douane.finances.gouv.fr.

**IL-KROAZJA**

Ministarstvo vanjskih i europskih poslova
Samostalni sektor za trgovinsku politiku i gospodarsku multilateralu
Trg Nikole Šubića Zrinskog 7-8
10 000 Zagreb
Repubblika Hrvatska

Tel. +385 1 6444 625 (626)
Faks + 385 1 6444 601

**L-ITALJA**

Ministero dello Sviluppo Economico
Direzione Generale per la Politica Commerciale Internazionale
Divisione IV
Viale Boston, 25
00144 Roma
ITALIA

Tel. +39 0659932439
Faks: +39 0659647506
Posta elettronika: polcom4@mise.gov.it

**ĊIPRU**

Υπουργείο Εμπορίου, Βιομηχανίας και Τουρισμού
Υπηρεσία Εμπορίου
Μονάδα Έκδοσης Αδειών Εισαγωγών/Εξαγωγών
Ανδρέα Αραούζου 6
CY-1421 Λευκωσία
ΚΥΠΡΟΣ/CYPRUS

▼M10

Ministry of Commerce, Industry and Tourism
Trade Service
Import/Export Licensing Unit
6 Andreas Araouzos Street
CY-1421 Nicosia
CYPRUS

Tel. +357 22867100, +357 22867197
Faks: +357 22375443
Posta elettronika: pevgeniou@mcit.gov.cy

**IL-LATVJA**

Ārlietu ministrija
K. Valdemāra iela 3
LV-1395 Rīga
LATVIJA

Tel. +371 67016426
Faks: +371 67828121
Posta elettronika: mfa.cha@mfa.gov.lv

**IL-LITWANJA**

*L-Anness II u l-Anness III, Nri 1,2, 3 u 5:*

Policijos departamento prie Vidaus reikalų ministerijos
Viešosios policijos valdybos Licencijavimo skyrius
Saltoniškių g. 19
LT-08105 Vilnius
LIETUVA/LITHUANIA

Tel.: +370 82719767
Faks: +370 52719976
E-mail: leidimai.pd@policija.lt

*Anness III, Nru 4*

Valstybinė vaistų kontrolės tarnyba prie Lietuvos Respublikos sveikatos apsaugos ministerijos
Žirmūnų g. 139 A,
LT-09120 Vilnius
LIETUVA/LITHUANIA

Tel.: +370 852639264
Faks: +370 852639265
E-mail: vvkt@vvkt.lt.

**IL-LUSSEMBURGU**

Ministère de l'Economie
Office des Licences
19-21, boulevard Royal
L-2449 Luxembourg
BP 113/L-2011 Luxembourg
Luxembourg

Tel.: +352 22 61 62
Faks: +352 46 61 38
E-mail: office.licences@eco.etat.lu.

**L-UNGERIJA**

Magyar Kereskedelmi Engedélyezési Hivatal
Németvölgyi út 37-39
H-1124 Budapest
MAGYARORSZÁG/HUNGARY

Tel. +36 14585599
Faks: +36 14585885
Posta elettronika: armstrade@mkeh.gov.hu

▼M10

**MALTA**

Dipartiment tal-kummerċ
Servizzi ta' Kummerċ
Lascaris
Valletta VLT 2000
MALTA

Commerce Department
Trade Services
Lascaris
Valletta VLT 2000
MALTA

Tel. +356 21242270
Faks; +356 25690286

**IN-NETHERLANDS**

Ministerie van Buitenlandse Zaken
Directoraat-Generaal Buitenlandse Economische Betrekkingen
Directie Internationale Marktordening en Handelspolitiek
Bezuidenhoutseweg 67
Postbus 20061
2500 EB Den Haag
NEDERLAND

Tel. +31 703485954, +31 703484652

**L-AWSTRIJA**

Bundesministerium für Wissenschaft, Forschung und Wirtschaft
Abteilung "Außenwirtschaftskontrolle" C2/9
Stubenring 1
A-1011 Wien
ÖSTERREICH

Tel. +43 1711008341
Faks +43 1711008366
Posta elettronika: post.c29@bmwfw.gv.at

**IL-POLONJA**

Ministerstwo Gospodarki
Departament Handlu i Usług
Plac Trzech Krzyży 3/5
00-507 Warszawa
POLSKA/POLAND

Tel. +48 226935553
Faks: +48 226934021
Posta elettronika: SekretariatDHU@mg.gov.pl

**IL-PORTUGALL**

Ministério das Finanças
AT- Autoridade Tributária e Aduaneira
Direcção de Serviços de Licenciamento
Rua da Alfândega, n.5, r/c
P-1149-006 Lisboa
PORTUGAL

Tel. +351 218813843
Faks: +351 218813986
Posta elettronika: dsl@at.gov.pt

▼M10

**IR-RUMANIJA**

Ministerul Economiei, Comerţului şi Turismului
Departamentul pentru Comerţ Exterior şi Relaţii Internaţionale
Direcţia Politici Comerciale
Calea Victoriei nr. 152
Bucureşti, sector 1
Cod poştal 010096
ROMÂNIA

Tel. 0040214010552, 0040214010504, 0040214010507
Faks: 0040214010568, 0040213150454
Posta elettronika: adrian.berezintu@dce.gov.ro

**IS-SLOVENJA**

Ministrstvo za gospodarski razvoj in tehnologijo
Direktorat za turizem in internacionalizacijo
Kotnikova 5
1000 Ljubljana
Repubblika Slovenija

Tel. +386 14003521
Faks: +386 14003611

**IS-SLOVAKKJA**

Ministerstvo hospodárstva Slovenskej republiky
Odbor výkonu obchodných opatrení
Mierová 19
827 15 Bratislava
SLOVENSKO

Tel. +421 248542163
Faks: +421 243423915
Posta elettronika: lucia.filipkova@economy.gov.sk

**IL-FINLANDJA**

Sisäministeriö
Poliisiosasto
PL 26
FI-00023 VALTIONEUVOSTO
FINLAND

Inrikesministeriet
Polisavdelningen
PB 26
FI-00023 STATSRÅDET
SUOMI/FINLAND

Tel. +358 295 480 171
Faks: +358 9 160 44635
Posta elettronika: kirjaamo@intermin.fi

**L-IŻVEZJA**

Kommerskollegium
PO Box 6803
SE-113 86 Stockholm
SVERIGE

Tel. +46 86904800
Faks: +46 8306759
Posta elettronika: registrator@kommers.se

▼**M10**

**IR-RENJU UNIT**

*Importazzjoni ta' prodotti elenkati fl-Anness II:*

Department for Business, Innovation and Skills (BIS)
Import Licensing Branch (ILB)

E-mail: enquiries.ilb@bis.gsi.gov.uk

*Esportazzjoni ta' prodotti elenkati fl-Annessi II jew III, u forniment ta' assistenza teknika relatata ma' prodotti elenkati fl-Anness II kif imsemmi fl-Artikoli 3(1) u 4(1):*

Department for Business, Innovation and Skills (BIS)
Export Control Organisation
1 Victoria Street
London
SW1H 0ET
UNITED KINGDOM

Tel.: +44 2072154594
Faks: +44 2072152635
E-mail: eco.help@bis.gsi.gov.uk.

B. **Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea**

European Commission
Service for Foreign Policy Instruments
Office EEAS 02/309
B-1049 Bruxelles/Brussel
BELGIUM

Posta elettronika: relex-sanctions@ec.europa.eu

▼M9

*ANNESS II*

**Lista ta' prodotti msemmijin fl-Artikoli 3 u 4**

*Nota Introduttorja:*

Il-'kodiċi tan-NM' f'dan l-Anness jirreferu għall-kodiċi speċifikati fit-Tieni Parti tal-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]).

Fejn "ex" tippreċedi l-kodiċi tan-NM, il-prodotti koperti mir-Regolament (KE) Nru 1236/2005 jikkostitwixxu biss parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u huma determinati kemm mid-deskrizzjoni mogħtija f'dan l-Anness kif ukoll mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM.

***Noti:***

1. Il-punti 1.3 u 1.4 fit-taqsima 1 dwar oġġetti mfasslin għall-eżekuzzjoni tal-bnedmin ma jkoprux oġġetti tekniċi mediċi.
2. L-għan tal-kontrolli msemmija f'dan l-Anness m'għandux ikun megħlub mill-esportazzjoni ta' oġġetti mhux ikkontrollati (inklużi pjanti) li fihom komponent ikkontrollat wieħed jew aktar meta l-komponent jew il-komponenti kkontrollati jkunu l-element prinċipali tal-oġġetti u jistgħu possibbilment jitneħħew jew jintużaw għal skopijiet oħrajn.

*NB:* Meta jiġi vvalutat jekk il-komponent jew komponenti kkontrollati għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, hu meħtieġ li jintiżnu l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-konoxxenza teknoloġika u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxi l-komponent jew komponenti kkontrollati bħala l-element prinċipali tal-oġġetti li jkun qed jiġu akkwistati.

| Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| | 1. **Prodotti maħsubin għall-eżekuzzjoni tal-bnedmin, kif ġej:** |
| ex 4421 90 97<br>ex 8208 90 00 | 1.1. Forok u giljottini |
| ex 8543 70 90<br>ex 9401 79 00<br>ex 9401 80 00<br>ex 9402 10 00 | 1.2. Siġġijiet elettriċi għall-fini tal-eżekuzzjoni tal-bnedmin |
| ex 9406 00 38<br>ex 9406 00 80 | 1.3. Kmamar mingħajr arja, magħmulin pereżempju mill-azzar u mill-ħġieġ, maħsubin għall-fini tal-eżekuzzjoni tal-bnedmin bl-amministrazzjoni ta' gass jew sustanza letali |
| ex 8413 81 00<br>ex 9018 90 50<br>ex 9018 90 60<br>ex 9018 90 84 | 1.4. Sistemi awtomatiċi għall-injezzjoni tad-drogi maħsubin għall-fini tal-eżekuzzjoni tal-bnedmin bl-amministrazzjoni ta' sustanza kimika letali |
| | 2. **Oġġetti li mhumiex xierqa għall-użu mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex irażżnu l-bnedmin, kif ġej:** |
| ex 8543 70 90 | 2.1. Apparat għax-xokkijiet tal-elettriku li hu maħsub biex jintlibes fuq il-ġisem minn individwu mrażżan, bħal ċintorini, kmiem u manetti, maħsubin biex irażżnu l-bnedmin bl-amministrazzjoni ta' xokkijiet elettriċi |

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

▼M9

| Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 7326 90 98<br>ex 7616 99 90<br>ex 8301 50 00<br>ex 3926 90 97<br>ex 4203 30 00<br>ex 4203 40 00<br>ex 4205 00 90 | 2.2. Manetti tas-saba' l-kbir u skrejjen tas-saba' l-kbir, u tas-swaba'<br><br>*Nota:*<br>Din il-partita tinkludi manetti u skrejjen kemm bis-snien u kemm mingħajrhom |
| ex 7326 90 98<br>ex 7616 99 90<br>ex 8301 50 00<br>ex 3926 90 97<br>ex 4203 30 00<br>ex 4203 40 00<br>ex 4205 00 90<br>ex 6217 10 00<br>ex 6307 90 98 | 2.3. Felq bl-iżbarra, strumenti ta' trażżin tar-riġlejn bil-piż u ktajjen tal-gruppi li jkopru felq bl-izbarra jew istrumenti ta' trażżin tar-riġlejn bil-piż<br><br>*Noti:*<br>1. Felq bl-iżbarra huma qajd jew ċrieki tal-għaksa b'mekkaniżmu li jsakkar, marbuta ma' żbarra riġida li tipikament hija tal-metall<br>2. Dan il-punt jinkludi felq bl-izbarra u strumenti ta' trażżin tar-riġlejn bil-piż li huma marbuta mal-manetti ordinarji permezz ta' katina |
| ex 7326 90 98<br>ex 7616 99 90<br>ex 8301 50 00<br>ex 3926 90 97<br>ex 4203 30 00<br>ex 4203 40 00<br>ex 4205 00 90<br>ex 6217 10 00<br>ex 6307 90 98 | 2.4. Manetti mfassla biex jiġu ankrati mal-ħajt, l-art jew is-saqaf |
| ex 9401 61 00<br>ex 9401 69 00<br>ex 9401 71 00<br>ex 9401 79 00<br>ex 9401 80 00<br>ex 9402 10 00 | 2.5. Siġġijiet għat-trażżin mgħammra b'qajd jew apparat ieħor biex irażżan il-bnedmin.<br><br>*Nota:*<br>Din il-partita ma tipprojbix is-siġġijiet mgħammra biss b'ċineg jew ċintorini |
| ex 9402 90 00<br>ex 9403 20 20<br>ex 9403 20 80<br>ex 9403 50 00<br>ex 9403 70 00<br>ex 9403 81 00<br>ex 9403 89 00 | 2.6. Twavel tal-qajd u sodod tal-qajd: twavel u sodod bil-qajd jew apparat ieħor li jrażżan il-bnedmin<br><br>*Nota:*<br>Din il-partita ma tipprojbix twavel u sodod mgħammra biss b'ċineg jew ċintorini |
| ex 9402 90 00<br>ex 9403 20 20<br>ex 9403 50 00<br>ex 9403 70 00<br>ex 9403 81 00<br>ex 9403 89 00 | 2.7. Sodod bil-gaġġa: sodod li jinkludu gaġġa (erba' ġnub u saqaf) jew struttura simili li tagħlaq bniedem fil-konfini tas-sodda, bis-saqaf jew ġenb wieħed jew aktar tas-sodda li jkollhom twavel tal-metall jew oħrajn, u li jkunu jistgħu jinfetħu biss minn barra |
| ex 9402 90 00<br>ex 9403 20 20<br>ex 9403 50 00<br>ex 9403 70 00<br>ex 9403 81 00<br>ex 9403 89 00 | 2.8. Sodod bix-xibka (erba' ġnub u saqaf) jew struttura simili li tagħlaq bniedem fil-konfini tas-sodda, bis-saqaf jew ġenb wieħed jew aktar tas-sodda li jkollhom xibka, u li jkunu jistgħu jinfetħu biss minn barra |

▼M9

| Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| | 3. **Apparat li jista' jinġarr li mhuwiex addattat għall-użu mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet jew awtodifiża, kif ġej:** |
| ex 9304 00 00 | 3.1. Lembubi jew bsaten magħmulin mill-metall jew materjal ieħor li jkollhom lasta b'ponot tal-metall |
| ex 3926 90 97<br>ex 7326 90 98 | 3.2. Tarki b'ponot tal-metall |
| | 4. **Frosti kif ġej:** |
| ex 6602 00 00 | 4.1. Frosti oħra b'aktar minn siegla jew strixxa waħda, bħal sawwatiet jew cats o'nine tails |
| ex 6602 00 00 | 4.2. Frosti li jkollhom siegla jew strixxa waħda jew aktar li magħhom ikollhom snanar, ganċijiet, takki bil-ponta, wajer tal-metall jew oġġetti simili li jsaħħu l-impatt tas-siegla jew ġilda |

▼M9

*ANNESS III*

**Lista ta' prodotti msemmijin fl-Artikolu 5**

*Nota Introduttorja:*

Il-"kodiċi tan-NM" f'dan l-Anness jirreferu għall-kodiċi speċifikati fit-Tieni Parti tal-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.

Fejn "ex" tippreċedi l-kodiċi tan-NM, il-prodotti koperti mir-Regolament (KE) Nru 1236/2005 jikkostitwixxu biss parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM u huma determinati kemm mid-deskrizzjoni mogħtija f'dan l-Anness kif ukoll mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kodiċi tan-NM.

*Noti:*

1. L-għan tal-kontrolli msemmija f'dan l-Anness m'għandux ikun megħlub mill-esportazzjoni ta' oġġetti mhux ikkontrollati (inklużi pjanti) li fihom komponent ikkontrollat wieħed jew aktar meta l-komponent jew il-komponenti kkontrollati jkunu l-element prinċipali tal-oġġetti u jistgħu possibbilment jitneħħew jew jintużaw għal skopijiet oħrajn.

   *NB:* Meta jiġi vvalutat jekk il-komponent jew komponenti kkontrollati għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, hu meħtieġ li jintiżnu l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-konoxxenza teknoloġika u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxi l-komponent jew komponenti kkontrollati bħala l-element prinċipali tal-oġġetti li jkun qed jiġu akkwistati.

2. F'xi każijiet il-kimiki huma elenkati bl-isem u n-numru CAS. Il-lista tapplika għal kimiki tal-istess formula strutturali (inklużi l-idrati) irrispettivament mill-isem jew min-numru CAS. In-numri CAS huma murija sabiex jassistu fl-identifikazzjoni ta' kimika jew taħlita partikolari, irrispettivament min-nomenklatura. In-numri CAS ma jistgħux jintużaw bħala identifikaturi uniċi minħabba li xi forom tal-kimika elenkata għandhom numri CAS differenti, u taħlitiet li jkollhom kimika elenkata jista' jkollhom ukoll numri CAS differenti.

| Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| | 1. **Prodotti maħsubin għat-trażżin tal-bnedmin, kif ġej:** |
| ex 7326 90 98<br>ex 7616 99 90<br>ex 8301 50 00<br>ex 3926 90 97<br>ex 4203 30 00<br>ex 4203 40 00<br>ex 4205 00 90<br>ex 6217 10 00<br>ex 6307 90 98 | 1.1. Qajd u ktajjen tal-gruppi<br>*Noti:*<br>1. Qajd huma strumenti ta' trażżin li jikkonsistu minn żewġ manetti jew ċrieki b'mekkanizmuli jsakkar b'katina jew żbarra li tgħaqqadhom<br>2. Din il-partita ma tikkontrollax l-istrumenti ta' trażżin tar-riġlejn jew il-ktajjen tal-gruppi pprojbiti bil-partita 2.3 tal-Anness II.<br>3. Dan il-punt ma jikkontrollax "manetti ordinarji". Il-manetti ordinarji huma manetti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:<br>— id-dimensjoni globali tagħhom inkluża l-katina, imkejla mix-xifer ta' barra ta' manetta waħda sax-xifer ta' barra tal-manetta l-oħra, bejn 150 u 280 mm meta ż-żewġ manetti jkunu msakkra; |

▼M9

| Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| | — iċ-ċirkonferenza ta' ġewwa ta' kull manetta hija massimu ta' 165 mm meta r-rota bis-snien tkun issikkata sal-aħħar sinna li tidħol fil-mekkaniżmu li jsakkar;<br>— iċ-ċirkonferenza ta' ġewwa ta' kull manetta hija minimu ta' 200 mm meta r-rota bis-snien tkun issikkata fuq l-ewwel sinna li tidħol fil-mekkaniżmu li jsakkar; kif ukoll<br>— il-manetti ma jkunux ġew modifikati biex jikkawżaw uġigħ jew tbatija fiżika. |
| ex 7326 90 98<br>ex 7616 99 90<br>ex 8301 50 00<br>ex 3926 90 97<br>ex 4203 30 00<br>ex 4203 40 00<br>ex 4205 00 90<br>ex 6217 10 00<br>ex 6307 90 98 | 1.2. Manetti individwali jew ċrieki b'mekkaniżmu li jsakkar li għandhom ċirkonferenza li taqbeż il-massimu ta' 165 mm meta r-rota bis-snien tkun issakkata fuq l-aħħar sinna li tidħol fil-mekkaniżmu li jsakkar<br>*Nota:*<br>Dan il-partita tinkludi strumenti ta' trażżin tal-għonq u manetti jew ċrieki individwali oħra b'mekkaniżmu li jsakkar li huma marbuta mal-manetti ordinarji permezz ta' katina |
| ex 6505 00 10<br>ex 6505 00 90<br>ex 6506 91 00<br>ex 6506 99 10<br>ex 6506 99 90 | 1.3. Barnużi tal-bżieq: inklużi barnużi magħmula minn xibka, li għandhom għata għall-ħalq li tipprevjeni li wieħed jobżoq<br>*Nota:*<br>Din il-partita tinkludi barnużi tal-bżieq li huma marbuta mal-manetti ordinarji permezz ta' katina |
| | 2. **Armi u apparat maħsuba għall-fini tal-kontroll tal-irvellijiet jew awtodifiża, kif ġej:** |
| ex 8543 70 90<br>ex 9304 00 00 | 2.1. Armi ta' skariku elettriku li jistgħu jinġarru li jistgħu jimmiraw biss lejn individwu wieħed kull darba li jkun amministrat xokk elettriku, inkluż iżda mhux limitat għal-lembubi tax-xokkijiet elettriċi, tarki tax-xokkijiet elettriċi, pistoli tax-xokkijiet u pistoli tad-darts tax-xokkijiet<br>*Noti:*<br>1. Dan il-punt ma jikkontrollax ċinturini tax-xokkijiet elettriċi skont il-partita 2.1 tal-Anness II.<br>2. Dan il-punt ma jikkontrollax it-tagħmir individwali tax-xokkijiet elettroniċi meta jakkumpanja lill-utent tiegħu għall-protezzjoni personali tal-utent stess |
| ex 8543 90 00<br>ex 9305 99 00 | 2.2. Kits li fihom il-komponenti essenzjali kollha għall-armar ta' armi tal-iskariku elettriku li jinġarru, ikkontrollati minn punt 2.1<br>*Nota:*<br>L-oġġetti li ġejjin huma meqjusa li jkunu komponenti essenzjali:<br>— l-unità li tipproduċi xokk elettriku, |

▼M9

| Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| | — l-iswiċċ, kemm jekk fuq remote control kemm jekk le, u<br>— l-elettrodi jew, fejn applikabbli, il-wajers li permezz tagħhom għandhom jiġu amministrati x-xokkijiet elettriċi |
| ex 8543 70 90<br>ex 9304 00 00 | 2.3. Armi tal-iskariku elettriku fissi jew li jiġu mmuntati li jkopru żona wiesgħa u jistgħu jimmiraw lejn individwi multipli b'xokkijiet elettriċi |
| | 3. **Armi u apparat għat-tferrix ta' sustanzi kimiċi inkapaċitanti u irritanti għall-finijiet tal-kontroll tal-irvellijiet jew awtodifiża u sustanzi relatati, kif ġej:** |
| ex 8424 20 00<br>ex 8424 89 00<br>ex 9304 00 00 | 3.1. Armi u tagħmir li jistgħu jinġarru li jew jamministraw doża ta' sustanza kimika inkapaċitanti jew irritanti li jimmiraw lejn individwu wieħed jew iferrxu doża ta' tali sustanza fil-forma ta' daħna ta' sprej ċpar jew sħaba li taffettwa żona żgħira, meta s-sustanza kimika hija amministrata jew imferrxa.<br>*Noti:*<br>1. Din il-partita ma tikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-partita ML7(e) tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea ([1])<br>2. Dan il-punt ma jikkontrollax tagħmir individwali li jista' jinġarr, anki jekk ikun fih sustanza kimika, meta jakkumpanja lill-utent tiegħu għall-protezzjoni personali tal-utent stess.<br>3. Minbarra sustanzi kimiċi rilevanti, bħal aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet jew PAVA, l-oġġetti kkontrollati bil-partiti 3.3 u 3.4 għandhom jitqiesu li huma sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti |
| ex 2924 29 98 | 3.2. Vanillilamide tal-aċidu pelargoniku (PAVA) (CAS RN 2444-46-4) |
| ex 3301 90 30 | 3.3. Oleorężina tal-kapsiku (OC) (CAS RN 8023-77-6) |
| ex 2924 29 98<br>ex 2939 99 00<br>ex 3301 90 30<br>ex 3302 10 90<br>ex 3302 90 10<br>ex 3302 90 90<br>ex 3824 90 97 | 3.4. Taħlitiet li fihom mill-inqas 0.3 % bil-piż ta' PAVA jew OC u solvent (bħall-etanol, 1-propanol jew hexane), li jistgħu jiġu amministrati bħala aġenti inkapaċitanti jew irritanti, b'mod partikolari f'aerosols u f'forma likwida, jew użati għall-manifattura ta' aġenti inkapaċitanti jew irritanti<br>*Noti:*<br>1. Din il-partita ma tikkontrollax zlazi u preparati għalihom, sopop jew preparati għalihom u kondimenti mħallta jew taħwir, sakemm il-PAVA jew l-OC ma jkunux l-uniku togħma kostitwenti fihom.<br>2. Din il-partita ma tikkontrollax prodotti mediċinali li għalihom ingħatat awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq skont il-liġi tal-Unjoni ([2]) |

▼M9

| Kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 8424 20 00<br>ex 8424 89 00 | 3.5. Tagħmir fiss għat-tifrix ta' sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti, li jista' jitwaħħal mal-ħajt jew ma' saqaf ġo bini, jinkludi ċilindru tal-landa ta' aġenti kimiċi irritanti jew inkapaċitanti u jiġu attivati permezz ta' sistema ta' kontroll mill-bogħod<br>*Nota:*<br>Minbarra sustanzi kimiċi rilevanti, bħal aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet jew PAVA, l-oġġetti kkontrollati bil-partiti 3.3 u 3.4 għandhom jitqiesu li huma sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti |
| ex 8424 20 00<br>ex 8424 89 00<br>ex 9304 00 00 | 3.6. Apparat fiss jew li jiġi mmuntat għat-tifrix ta' aġenti kimiċi inkapaċitanti jew irritanti li jkopri firxa wiesgħa u mhux maħsub biex jitwaħħal ma' ħajt jew ma' saqaf ġewwa bini<br>*Noti:*<br>1. Din il-partita ma tikkontrollax l-apparat ikkontrollat mill-partita ML7(e) tal-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea<br>2. Din il-partita tikkontrolla wkoll kanuni tal-ilma<br>3. Minbarra sustanzi kimiċi rilevanti, bħal aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet jew PAVA, l-oġġetti kkontrollati bil-partiti 3.3 u 3.4 għandhom jitqiesu li huma sustanzi kimiċi inkapaċitanti jew irritanti |
| | 4. **Prodotti li jistgħu jintużaw għall-eżekuzzjoni tal-bnedmin permezz ta' injezzjoni letali, kif ġej:** |
| ex 2933 53 90<br>[(a) to (f)]<br>ex 2933 59 95<br>[(g) and (h)] | 4.1. Barbiturati qosra u li jaġixxu bħala intermedji inklużi, iżda mhux limitati għal:<br>(a) amobarbital (CAS RN 57-43-2<br>(b) melħ tas-sodju amobarbital (CAS RN 64-43-7)<br>(c) pentobarbital (CAS RN 76-74-4)<br>(d) melħ tas-sodju pentobarbital (CAS 57-33-0)<br>(e) sekobarbital (CAS RN 76-73-3)<br>(f) melħ tas-sodju amobarbital (CAS RN 309-43-3)<br>(g) tijopental (CAS RN 76-75-5)<br>(h) melħ tas-sodju tijopental (CAS RN 71-73-8), magħruf ukoll bħala sodju tijopentonju |
| ex 3003 90 00<br>ex 3004 90 00<br>ex 3824 90 97 | *Nota:*<br>Dan il-punt jikkontrolla wkoll il-prodotti li fihom wieħed mill-aġenti anestetiċi mniżżlin taħt l-aġenti anestetiċi barbiturati qosra u li jaġixxu bħala intermedji. |
| | 5. **Komponenti mfassla għal oġġetti maħsubin għall-eżekuzzjoni tal-bnedmin, kif ġej:** |
| ex 8208 90 00 | 5.1. Xfafar tal-giljottina |

([1]) L-aħħar verżjoni adottata mill-Kunsill fil-11 ta' Marzu 2013 (ĠU C 90, 27.3.2013, p. 1).

([2]) Ara b'mod partikolari r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 726/2004 tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1) u d-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 fuq il-kodiċi tal-Komunità marbut mal-prodotti mediċiali għall-użu uman (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67)

▼B

*ANNESS IV*

**Lista tat-territorji tal-Istati Membri msemmijin fl-Artikolu 5(2)**

DANIMARKA:

— Il-Groenlandja

FRANZA:

— Il-Kaledonja l-ġdida u d-Dipendenzi tagħha,

— Il-Polineżja Franċiża,

— It-Territorji Franċiżi tan-Nofs in-Nhar u Antartiċi,

— Il-Gżejjer Wallis u Futuna,

— Mayotte,

— St Pierre u Miquelon.

ĠERMANJA:

— Büsingen

▼B

*ANNESS V*

**Formola ta' awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni jew tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1)**

*Speċifikazzjoni teknika:*

Il-formola li ġejja għandu jkollha daqs ta' 210 × 297 mm b'tolleranza massima ta' 5 mm inqas u 8 mm aktar. Il-kaxxi huma bbażati fuq unità ta' kejl ta' wieħed minn għaxra ta' pulzier orizzontalment u wieħed minn sitta ta' pulzier vertikalment. Is-suddiviżjonijiet huma bbażati fuq unità ta' kejl ta' wieħed minn għaxra ta' pulzier orizzontalment.

▼B

KOMUNITÀ EWROPEA

AWTORIZZAZZJONI GĦALL-ESPORTAZZJONI/IMPORTAZZJONI TA' TAGĦMIR TAT-TORTURA

| | |
|---|---|
| 1 Applikant (isem sħiħ, indirizz, numru doganali) Tip: ☐ ☐ | AWTORIZZAZZJONI GĦALL-ESPORTAZZJO NI JEW L-IMPORTAZZJONI TA' OĠĠETTI LI JISTGĦU JINTUŻAW GĦAT-TORTURA (REG OLAMENT (KE) Nru –/2005) * |
| 2 Destinarju (isem sħiħ u indirizz) | 3 Awtorizzazzjoni Nru<br>☐ Esportazzjoni ☐ Importazzjoni<br>4 Data ta' skadenza |
| 5 Aġent/Rappreżentant (jekk differenti mill-applikant) | 6 Pajjiż fejn jinsabu l-oġġetti — Kodiċi<br>7 Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi<br>8 Stat Membru fejn ser isseħħ il-proċedura Doganali |
| 9 Utent finali (isem sħiħ u indirizz) | L-awtorità tal-ħruġ |

| | | |
|---|---|---|
| 10 Deskrizzjoni tal-oġġett | 11 Oġġett Nru 1 | 12 Kodiċi CN<br>13 Kwantità |
| 14 Rekwiżiti u kondizzjonijiet speċifiċi | | |
| 10 Deskrizzjoni tal-oġġett | 11 Oġġett Nru 2 | 12 Kodiċi CN<br>13 Kwantità |
| 14 Rekwiżiti u kondizzjonijiet speċifiċi | | |
| 10 Deskrizzjoni tal-oġġett | 11 Oġġett Nru 3 | 12 Kodiċi CN<br>13 Kwantità |
| 14 Rekwiżiti u kondizzjonijiet speċifiċi | | |

15 Is-sottofirmat jiċċertifika li, skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 u soġġett għar-rekwiżiti, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'din il-formola u l-anness(i) li jirreferi għalihom, l-awtorità kompetenti awtorizzat [esportazzjoni] [importazzjoni] (ħassar bħala mhux adatt) li tikkonċerna l-oġġetti deskritti f'kaxxa 10

16 Numru ta' annessi

Magħmul fi (post, data)

Isem (ittajpjat jew b'ittri kapitali)

Firma: (Timbru tal-awtorità tal-ħruġ)

▼B

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Nota:* F'parti 1 tal-kolonna 17, ikteb il-kwantità li għadha disponibbli u f'parti 2 tal-kolonna 17 ikteb il-kwantità mnaqqsa f'din l-okkażjoni | | | |
| 3 Awtorizzazzjoni Nru. | | | |
| 11 Oġġett Nru. | 17 Kwantità netta (Massa netta/unità oħra b'indikazzjoni tal-unità) | 18 Dokument Doganali (Tip u numru) u d-data tat-tnaqqis | 19 Stat Membru, isem u firma, timbru tat-tnaqqis |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |
| | 1. | | |
| | 2. | | |

▼B

**Noti ta' spjegazzjoni għall-formola**

**"Awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew l-importazzjoni ta' oġġetti li jistgħu jintużaw għat-tortura (Regolament (KE) Nru 1236/2005)"**

Din il-formola ta' awtorizzazzjoni għandha tintuża għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni għal esportazzjoni jew importazzjoni ta' oġġetti f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni oħra krudili, inumani jew degradanti. Din m'għandhiex tintuża biex tiġi awtorizzata l-provvista ta' assistenza teknika.

L-awtorità tal-ħruġ hija l-awtorità ddefinita fl-Artikolu 2(h) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1236/2005 li huwa mniżżel fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

L-awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu fuq din il-formola ta' paġna waħda, li għandha tkun stampata fuq iż-żewġ naħat. L-uffiċċju doganali kompetenti jnaqqas il-kwantitajiet tal-esportazzjoni mill-kwantità totali disponibbli. Għandu jiżgura li l-oġġetti differenti soġġetti għall-awtorizzazzjoni jkunu separati b'mod ċar għal-din il-fini.

Fejn il-proċeduri nazzjonali tal-Istati Membri jeħtieġu kopji addizzjonali tal-formola (bħal pereżempju għall-applikazzjoni) din il-formola ta' awtorizzazzjoni tista' tiġi inkluża f'sett ta' formoli li fihom il-kopji meħtieġa skont ir-regoli nazzjonali applikabbli. Fil-kaxxa ta' fuq kaxxa 3 ta' kull kampjun fil-marġni fuq ix-xellug għandu jiġi indikat b'mod ċar għal-liema fini (eż. applikazzjoni, kopja għall-applikant) huma intiżi l-kopji rilevanti. Kampjun wieħed biss għandu jkun il-formola ta' awtorizzazzjoni mniżżla fl-Anness V għar-Regolament (KE) Nru 1236/2005.

| | | |
|---|---|---|
| Kaxxa 1: | Applikant: | Jekk jogħġbok indika isem l-applikant u l-indirizz sħiħ.<br>In-numru doganali tal-applikant jista' wkoll jiġi indikat (fakultattiv fil-biċċa l-kbira tal-każijiet).<br>It-tip ta' applikant għandu jiġi indikat (fakultattiv) fil-kaxxa rilevanti, billi jintużaw in-numri 1, 2 jew 4 li jirreferu għall-punti stabbiliti fid-definizzjoni tal-Artikolu 2(i) tar-Regolament (KE) Nru 1236/2005. |
| Kaxxa 3: | Nru tal-Awtorizzazzjoni: | Jekk jogħġbok imla n-numru u ttikkja jew il-kaxxa tal-esportazzjoni jew dik tal-importazzjoni. Ara l-Artikolu 2(d) u 2(e) u l-Artikolu 18 tar-Regolament għad-definizzjonijiet tat-termini "esportazzjoni" u "importazzjoni". |
| Kaxxa 4: | Data ta' skadenza: | Jekk jogħġbok niżżel id-data (żewġ numri), ix-xahar (żewġ numri) u s-sena (erba' numri). |
| Kaxxa 5: | Aġent/ rappreżentant | Jekk jogħġbok indika l-isem ta' rappreżentant debitament awtorizzat jew aġent (doganali) li jaġixxi f'isem l-applikant, jekk l-applikazzjoni ma tkunx ippreżentata mill-applikant. Ara wkoll l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92. |
| Kaxxa 6: | Pajjiż fejn jinsabu l-oġġetti: | Jekk jogħġbok niżżel kemm l-isem tal-pajjiż ikkonċernat kif ukoll il-kodiċi tal-pajjiż rilevanti meħud mill-kodiċijiet stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/1995, ĠU L 118, 25.5.1995, p. 10. Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1779/2002, ĠU L 296, 5.10.2002, p. 6. |
| Kaxxa 7: | Pajjiż destinatarju: | Jekk jogħġbok niżżel kemm l-isem tal-pajjiż ikkonċernat kif ukoll il-kodiċi tal-pajjiż rilevanti meħud mill-kodiċijiet stabbiliti skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/1995, ĠU L 118, 25.5.1995, p. 10. Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1779/2002, ĠU L 296, 5.10.2002, p. 6. |

▼B

| | | |
|---|---|---|
| Kaxxa 10: | Deskrizzjoni tal-oġġett: | Jekk jogħġbok qis li tinkludi d-data fuq il-pakkett tal-oġġetti kkonċernati. Innota li l-valur tal-oġġetti jista' wkoll jiġi indikat f'kaxxa 10.<br>Jekk ma jkunx hemm biżżejjed spazju f'kaxxa 10, jekk jogħġbok kompli fuq folja vojta mehmuża, waqt li ssemmi n-numru tal-awtorizzazzjoni. Jekk jogħġbok indika n-numru ta' annessi f'kaxxa 16.<br>Din il-formola hija maħsuba għall-użu ta' mhux aktar minn tliet tipi differenti ta' oġġetti (ara l-Annessi II u III għar-Regolament). Jekk ikun meħtieġ li tiġi awtorizzata l-esportazzjoni jew l-importazzjoni ta' aktar minn tliet tipi ta' oġġetti, jekk jogħġbok agħti żewġ awtorizzazzjonijiet. |
| Kaxxa 11 | Nru tal-Oġġett: | Din il-kaxxa jeħtieġ li timtela fuq wara tal-formola biss. Jekk jogħġbok żgura li n-Nru tal-Oġġett jikkorrispondi man-numru tal-oġġett stampat f'Kaxxa 11 li jinsab maġenb id-deskrizzjoni tal-oġġett rilevanti fuq in-naħa fejn trid tara. |
| Kaxxa 14: | Rekwiżiti u kondizzjonijiet speċifiċi: | Jekk ma jkunx hemm biżżejjed spazju f'kaxxa 14, jekk jogħġbok kompli fuq folja vojta mehmuża, waqt li ssemmi n-numru tal-awtorizzazzjoni. Jekk jogħġbok indika n-numru ta' annessi f'kaxxa 16. |
| Kaxxa 16: | Numru ta' annessi: | Jekk jogħġbok indika n-numru ta' annessi, jekk ikun hemm (ara l-ispjegazzjonijiet għal kaxxi 10 u 14). |